# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 6**

**Avviz numru 167/99/SM**

**Anthony Domancich**

**vs**

**Charles Mercieca**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta' Frar ta' l-1999 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:**

**1. Iddikjarat unikament responsabbli ghall-kollizjoni tat-23 ta' Jannar 1998 gewwa Qormi By-Pass, Qormi bejn il-vettura tal-marka Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni BAG-904 misjuqa minnu, proprejta' ta' Vassallo Builders Ltd u l-vettura tal-marka Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni**

**FAD-643, proprjeta' tal-attur u ghad-danni konsegwenzali sofferti mill-istess attur b'kagun tall-istess incident awtomobilistiku;**

**2. Tillikwida d-danni bl-opera ta' periti u esperti nominandi;**

**3. Tikkundannh jhallas lill-attur s-somma illi tigi hekk likwidata minn din il-Qorti, rapprezentanti d-danni minnhu kkawzati;**

**4. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Novembru, 1998, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika lilu tal-imsemmija ittra, cioe' mid-19 ta' Novembru 1998 sal-effettiv pagament. Ghall-fini ta' kompetenza l-attur jiddikjara illi d-danni jeccedu s-somma ta' LM250.00,0 izda ma jammontawx ghall-aktar minn LM1,000;**

**5. Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datat t-12 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Ir-responsabilita' tal-eccipjent ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni kienet ammessa qabel l-attur intavola din il-kawza. Ghalhekk l-ewwel talba saret inutilment;**

**2. Illi qatt ma kien hemm opposizzjoni da parti ta' l-eccipjent jew l-assikurazzjoni tieghu li ssir likwidazzjoni u hlas ta' dawk id-danni attwalment u realment subiti mill-attur;**

**3. Illi qabel l-attur intavola din il-kawza huwa kien qed jippretendi risarciment esagerat ta' danni li kien imur ben oltre d-danni attwalment u materjalment subiti minnu bhala konsegwenza tal-incident de quo;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina bejn il-kontendenti sehh fil-gurnata ndikata fl-avviz promotur;**

2. **Illi kif jidher anke mill-ewwel eccezzjoni odjerna, ir-responsabbilita' tal-konvenut kienet minnhu ammessa qabel ma l-attur intavola din il-procedura;**

3. **Illi l-vertenza vera u proprja tippermja fuq il-quantum pretiz ghall-hsarat sofferti mill-attur;**

4. **Illi kif jidher mid-dokument immarkat "A" a fol 12 il-konvenut anke jaqbel fuq ammont ta' mija u tnejn u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu, (LM122.52,0), danni minnhu ikkagunati fuq l-elementi hemm indikati;**

5. **Illi l-vertenza ghalhekk ghandha tigi limitata ghas-segwenti:**

    a. **"spray" ta' bumper "second hand";**

    b. **radiator;**

    c. **"heating element" tal-"wind screen" ta' wara;**

6. **Illi l-vettura ta' l-attur ma tirrizultax li hi xi wahda fi stat impekkabbli anzi tirrizulta li hi "second hand" mill-Ingilterra; kienet involuta f'diversi incidenti ohra u kagun tat-tiswijiet li kellha minhabba dan, kienet mimlija bil-"hard metal"; kellha hafna sadid;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-insistenza fuq “radiator” gdid u sprejjar tal-“bumper” hija ghalkollox inaccetabbli; ta’ l-ewwel ghaliex ingusta, ta’ l-ahhar ghaliex l-attur kien gia’ inghata rimedju ghal dan, (ara fol 33);**

**Illi hu principju assodat li wiehed f’sitwazzjoni simili ghandu kemm jista’ jkun jimminimizza d-danni u mhux juza c-cirkostanzi biex japprofitta ruhu minnha – xejn m’hu aktar repunjanti minn xakallagg ta’ dan it-tip;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista tal-premess dak offrut lill-attur mill-assikurazzjoni tal-konvenut hu gust u ekwu u mhux permess li dawn ic-cirkostanzi jwasslu ghal din it-tip ta’ procedura;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-akkadut;**

2. **Tillikwida d-danni fl-ammont ta’ mija u tnejn u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu, (LM122.52,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Charles Mercieca ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat;**

4. **Illi in vista tal-premess tikkundanna lill-attur Anthony Domancich ihallas l-ispejjez ta’ din il-procedura.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**